

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-10 ta' Marzu 2021 – Ayuntamiento de Quart de Poblet vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-539/18) <sup>(1)</sup>

(“*Klawżola ta' arbitraġġ – Programm Qafas għall-Innovazzjoni u l-Kompetittivitā (2007-2013) – Kuntratti ‘Highly scalable Deployment model of Inclusive E-Govern’ (DIEGO) u ‘Speeding Every European Digital’ (SEED) – Noti ta' debitu – Spejjeż eliġibbli – Ġustifikazzjoni tal-ispejjeż – Affidabbiltà tar-rekords tal-komiti ddedikati għall-proġetti”* )

(2021/C 163/29)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

**Partijiet**

Rikorrenti: Ayuntamiento de Quart de Poblet (Quart de Poblet, Spanja) (rappreżentanti: B. Sanchis Piqueras u J. A. Rodríguez Pellitero, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Estrada de Solà u M. Ilkova, aġenti)

**Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikolu 272 TFUE u intiża, essenzjalment, sabiex tiġi kkonstatata l-ineżistenza ta' krediti kuntrattwali li Il-Kummissjoni tallega li għandha fir-rigward tar-rikorrenti abbażi tal-ftehimiet ta' sussidju DIEGO u SEED.

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) L-Ayuntamiento de Quart de Poblet għandu jbatis, minbarra l-ispejjeż rispettivi tiegħi, dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.

---

<sup>(1)</sup> ĠU C 427, 26.11.2018.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali 10 ta' Marzu 2021 – Kerry Luxembourg vs EUIPO – Ornua (KERRYMAID)**

(Kawża T-693/19) <sup>(1)</sup>

(“*Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedimenti ta' oppożizzjoni – Applikazzjoni għat-trade mark tal-Unjoni Ewropea verbali KERRYMAID – Trade mark tal-Unjoni Ewropea figurattivi preċedenti Kerrygold – Raġuni relativa għal rifjut – Isem ġeografiku – Element dominanti – Koeżistenza paċċifika – Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 – Applikazzjoni ratione temporis tal-liġi”* )

(2021/C 163/30)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrent: Kerry Luxembourg Sàrl (il-Lussemburgu, il-Lussemburgu) (rappreżentanti: F. Traub, avukat, u I. Connor, solicitor)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: H. O'Neill u S. Hanne, aġenti)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Ornua Co-operative Ltd (Dublin, l-Irlanda) (rappreżentanti: E. Armijo Chávarri u A. Sanz Cerralbo, avukati)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-23 ta' Lulju 2019 (Każ R 2473/2013-5), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Kerry Luxembourg u Ornua.